MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 2/1992/1

George Xuereb, Maria xebba Xuereb, Joseph Xuereb u b'digriet tat-23 ta' Dicembru 1994 il-gudizju gie trasfuz minn fuq isem George Xuereb ghal fuq isem l-istess atturi Maria xebba u Joseph ahwa Xuereb stante l-mewt ta' l-attur George Xuereb fil-mori tal-kawza

vs

Richard Matrenza

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-flat li jgib in-numru '1' fil-blokk ta' bini li jgib l-isem "Dar ghall-Kwiet" Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex, li qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Ottubru elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) u b’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.

Ghal fini ta’ kompetenza nghad li l-valur lokatizzju tal-fond ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm100).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Richard Matrenza fejn eccepixxa illi t-talba attrici hija ghal kollox infondata peress illi huwa qed jokkupa l-flat imsemmi fl-avviz b’titolu ta’ lokazzjoni. Illi ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-atturi ma setghux jaghmlu din il-kawza stante li l-attur George Xuereb ikkommetta spoll ghad-dannu tal-konvenut fil-fond meritu tal-kawza u bis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-attribuzzjoni superjuri taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju tal-elf disa mija u tlieta u disghin (1993) huwa gie kkundannat li jispurga l-ispoll minnu kommess fiz-zmien xahar mid-data tas-sentenza. Ghalhekk il-konvenut kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta (folio 55) fejn l-konvenut iddikjara li l-ispoll kien gie spurgat u irtira n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat li fl-istess verbal il-konvenut eccepixxa ulterjorment l-inkompetenza ta’ din il-Qorti “rationae materiae”;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta’ Mejju 1995 (folio 58);

Rat in-nota tal-konvenut (folio 64) li biha ta’ avviz ta’ appell mis-sentenza;

Rat l-atti tal-appell esebiti f’dawn l-atti (folio 65 et seq), s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (folio 122 et seq), u l-provediment tal-

Onorabbli Qorti tal-Appell (Ghawdex Sede Inferjuri) (folio 143 et seq) li bih l-appell gie differit sine die “sakemm ikun hemm decizjoni fuq il-kwistjoni ta’ ‘decontrol’ sollevata mill-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-29 ta’ April 2005 (folio 157 et seq) wara sentenza ta’ din il-Qorti kif preseduta u annessa Appendici ‘A’ mas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fejn giet disposta l-kwistjoni tad-‘decontrol’;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri, Ghawdex) (folio 188 et seq) tal-15 ta’ Settembru 2005 mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta’ Mejju 1995 tramite liema l-kawza giet rimessa quddiem din il-Qorti “biex quddiema jigi trattat u deciz il-punt principali dwar ir-rekwizit tar-residenza ordinarja fl-ambitu tat-talba attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut”;

Rat l-d-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta’ Dicembru 1994 (folio 39) fejn laqghet it-talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq isem l-attur George Xuereb ghal fuq isem Maria xebba Xuereb u Joseph Xuereb;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda u ezaminat ix-xhieda l-ohra kollha;

Ezaminat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi;

Ikkonsidrat:

Fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fuq citata (folio 157 et seq) huwa stat ta’ fatt li l-fond meritu l-avviz huwa wiehed dekontrollat u gie mikri lill-konvenut bhala tali. Dan igib li t-talba tal-atturi fl-avviz ghall-izgumbrament

tal-konvenut mill-fond in kwistjoni u fuq il-kawzali li qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghandha tigi ezaminata mehud il-fatt li l-fond inkera bhala dekontrollat u kwindi soggett u applikabbli l-Kap 158.

Intant, mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta’ Mejju 1995 (folio 58 et seq) kien appella l-konvenut b’zewg aggravji li jinsabu sintetizzati fis-sentenza tal-15 ta’ Settembru 2005 tal-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri (Ghawdex), l-Qorti rimandanti, li jikkonsistu filli: (1) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tichadlu l-eccezzjoni tal-inkompetenza “rationae materiae”…fuq l-interpretazzjoni tas-subincisi 2 u 3 tal-Artikolu 5 tal-Kap 158 kien jispetta lill-Bord li Jirregola l-Kera li jidderimi l-kwisrjoni jekk il-fond dekontrollat de quo kienx id-dar ta’ abitazzjoni ordinarja tieghu u, jekk jirrisulta li ma kienetx, kien dan l-istess tribunal li seta’ jawtorizza lis-sidien ma jirrilokawx; (2) li l-Ewwel Qorti minghajr lanqas ma giet mitluba tippronunzja ruhha fuq l-iskrittura, waslet ghall-konkluzjoni erronea meta ddikjarat nulla u bla effett il-klawsola 2(1) tal-ftheim lokatizzju u allura wkoll tal-ftheim intier;

Illi dik l-Onorabbli Qorti fil-parti decizjonali taghha (ara sentenza folio 188 et seq) kienet cahdet l-ewwel aggravju u laqghet it-tieni u irrimettiet l-atti, li illum jinsabu quddiem din il-Qorti, sabiex “quddiema jigi trattat u deciz il-punt principali dwar ir-rekwizit tar-residenza ordinarja fl-ambitu tat-talba tal-atturi u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut” u kien fuq din il-finalita’ li ssoktaw jinstemghu provi u saru s-sottomissjonijiet.

Illi sintomatiku minn dan l-aspett huwa li taht l-Artikolu 5 tal-Kap 158 biex kerrej ta’ fond dekontrollat jisufrwixxi mill-protezzjoni koncessa lilu jinnecessita’ li jkun cittadin Malti u jrid ikun jokkupa l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu. Hawnhekk il-punt jirrivolvi fuq il-kwistjoni tar-residenza ordinarja kif giet interpretata u applikata taht l-Kap 158.

Illi rigward dan l-aspett il-konvenut jekkwipara r-residenza ordinarja tieghu f’Ghawdex minhabba esigenzi tieghu personali marbuta ma’ karigi tieghu ta’ delegat tal-Partit

Laburista f'Ghawdex u President tac-Centru Laburista taz-Zebbug, Ghawdex, u wkoll billi jirrisulta li ilu snin registrat fir-Registru Elettorali li jabita fil-fond meritu l-kawza u jivvota Ghawdex. Issa dan hu indubitat izda b'daqshekk hemm bahar jaqsam bejn li wiehed ghandu residenza u bejn li wiehed jistabilixxi residenza ordinarja. Il-Kap 158 jesigi espressament din l-ahhar kwalita' ta' residenza u hu principju ta' interpretazzjoni li ghall-kliem espressi tal-ligi ghandhom jinghtawlhom is-sinifikat ordinarju u naturali taghhom. Ergo, x'jikkostitwixxi 'residenza ordinarja' ghandha tirrisulta bhala stat ta' fatt munita b'permanenza u abitwalita' li mill-assiem tal-provi fil-kaz in meritu hi nieqsa fil-konvenut.

Ghalhekk, fid-dawl tat-talbiet tal-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tilqa' it-talbiet tal-atturi, tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond 'Flat 1' fil-korp ta' bini li jgib l-isem "Dar Ghall-Kwiet" kif mitlub mill-atturi fl-avviz u ghall-fini tal-izgumbrament tiffissa terminu qasir u perentorju ta' xahar mill-lum biex il-konvenut jivvaka l-fond u ihallih liberu u battal favur l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------